

Parti oħra fil-proċedura: L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea, The Bazooka Companies, Inc.

Permezz ta' digriet tat-2 ta' Frar 2023, il-Qorti tal-Ġustizzja (Awla tal-Ammissjoni tal-Appelli) iddeċidiet li l-appell ma huwiex ammissibbli u li l-Appellant għandu jbati l-ispejjeż tiegħu.

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Verwaltungsgerichtshof (l-Awstrija) fit-28 ta' Diċembru 2022 – R GmbH vs Bürgermeister der Landeshauptstadt Innsbruck
(Kawża C-790/22, Bürgermeister der Landeshauptstadt Innsbruck)**

(2023/C 94/28)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Verwaltungsgerichtshof

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: R GmbH.

Konvenut: Bürgermeister der Landeshauptstadt Innsbruck

Domandi preliminari

- 1) L-Artikolu 14(2)(b) flimkien mal-Artikolu 14(5) tar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 178/2002 tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabilixxi l-prinċipiġi ġenerali u l-htiġiġiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-İkel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà ta' l-ikel⁽¹⁾, għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi regola jew interpretazzjoni minn Stat Membru li tgħid liema prodotti tal-ikel għandhom jitqiesu bħala mhux tajbin għall-konsum mill-bniedem jekk l-użu maħsub tagħhom ma huwiex iggarantit, mingħajr ma huma meħtieġa r-raġunijiet imsemmija fl-Artikolu 14(5) tar-regolament imsemmi iktar 'il fuq dwar għalfejn il-prodotti tal-ikel saru inaċċettabbli għall-konsum mill-bniedem (kontaminazzjoni b'materjal estraneju jew mod ieħor, putrifikkazzjoni, deterjorament jew tħassir)?

Fil-każ li r-risposta għall-ewwel domanda tkun fin-negattiv:

- 2) L-Artikolu 14(2)(b) flimkien mal-Artikolu 14(5) tar-Regolament Nru 178/2002, għandu jiġi interpretat fis-sens li prodotti tal-ikel għandhom jitqiesu bħala mhux tajbin għall-konsum mill-bniedem jekk il-prodotti tal-ikel, meta kkonsmati kif intiż, iwasslu għal qbiż kbir (ħames darbiet għal adult medju li jiżen 70 kg) ta' valur meqjus mill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-İkel, fil-kuntest ta' evalwazzjoni ta' addittiv tal-ikel (li jinsab fil-prodotti tal-ikel), bħala l-valur tad-doża aċċettabbli ta' kuljum (ADI)?

⁽¹⁾ ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolo 15, Vol. 6, p. 463, rettifikasi fil-ĠU 2014, L 327, p. 9, u fil-ĠU 2016, L 227, p. 5.

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Kúria (l-Ungjerijsa) fit-2 ta' Jannar 2023 – X vs Agrárminiszter

(Kawża C-6/23 Baramlay⁽¹⁾)

(2023/C 94/29)

Lingwa tal-kawża: l-Ungeriż

Qorti tar-rinviju

Kúria

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: X

Konvenut: Agrárminiszter

Domandi preliminari

- 1) L-Artikolu 50(3) tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi regoli għal pagamenti diretti lill-bdiewa taħt skemi ta' appoġġ fil-qafas tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 637/2008 u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 (⁹) (iktar 'il quddiem ir-“Regolament Nru 1307/2013”), għandu jiġi interpretat fis-sens li jippermetti lill-Istat Membru jistabbilixxi bħala kriterju ta' ammissibbiltà l-fatt li l-benefiċjarju tal-għajnuna għandu jeżerċita b'mod kontinwu l-attività ta' bidwi b'mod prinċipali u bħala negozjant individwali mid-data li fiha titressaq it-talba għall-ħlas ta' 90 % tal-għajnuna sat-tmiem il-perijodu ta' operazzjoni?
- 2) Fil-każ ta' risposta fin-negattiv, l-imsemmi kriterju ta' ammissibbiltà għandu jiġi interpretat bħala impenn assunt mill-benefiċjarju?
- 3) Fil-każ ta' risposta fl-affermattiv għat-tieni domanda preliminari, l-Artikolu 64(1) u l-Artikolu 77(1) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 352/78, (KE) Nru 165/94, (KE) Nru 2799/98, (KE) Nru 814/2000, (KE) Nru 1290/2005 u (KE) Nru 485/2008 (⁹), għandhom jiġu interpretati fis-sens li n-nuqqas ta' osservanza ta' dan l-impenn jista' jagħti lok għall-applikazzjoni ta' sanzjoni amministrativa li l-ammont tagħha għandu jiġi ddeterminat, fid-dawl tal-prinċipju ta' proporzjonalità, abbażi tal-Artikolu 64(4)(b) u tal-Artikolu 77(4)(b) tal-imsemmi regolament, jiġifieri, li d-dispożizzjonijiet imsemmija għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali li tordna l-irkupru tal-ammont šiħiħ tal-għajnuna, mingħajr teħid inkunsiderazzjoni tat-tul tal-perijodu kkonċernat min-nuqqas ta' osservanza?
- 4) L-Artikolu 64(2)(e) u l-Artikolu 77(2)(e) [tar-Regolament Nru 1306/2013] għandhom jiġu interpretati fis-sens li “n-nonkonformità [...] ta' natura minuri” tħalli sitwazzjoni li fiha l-benefiċjarju tal-għajnuna jkun naqas milli josserva matul 176 jum matul il-perijodu ta' ħames li huwa s-suġġett tal-impenn tiegħi, id-dispożizzjoni relatata maż-żamma tal-attività b'mod prinċipali, b'teħid inkunsiderazzjoni tal-fatt li matul dan il-perijodu kollu huwa eżerċita biss attivitā agrikola, li minnha jorigha d-dħul tiegħi?

(⁹) L-isem ta' din il-kawża huwa fittizju. Dan l-isem ma jikkorrispondi għall-isem reali ta' ebda waħda mill-partijiet fil-proċedura.

(⁹) ĠU 2013, L 347, p. 608, rettifikasi fil-ĠU 2016, L 130, p. 7.

(⁹) ĠU 2013, L 347, p. 549, rettifikasi fil-ĠU 2016, L 130, p. 6 u fil-ĠU 2017, L 327, p. 83.

Appell ippreżentat fit-18 ta' Jannar 2023 minn Ferriera Valsabbia SpA u Valsabbia Investimenti SpA mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġeneral (Ir-Raba' Awla Estiżja) fid-9 ta' Novembru 2022 fil-Kawża T-655/19, Ferriera Valsabbia u Valsabbia Investimenti vs Il-Kummissjoni

(Kawża C-29/23 P)

(2023/C 94/30)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Partijiet

Appellant: Ferriera Valsabbia SpA, Valsabbia Investimenti SpA (rappreżentanti: D. Fosselard, avocat u avvocato, D. Slater, avocat u solicitor u G. Carnazza, avvocata)

Parti oħra fil-proċedura: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

L-appellant jitolbu li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġogħa:

- tannulla s-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġeneral tal-Unjoni Ewropea fid-9 ta' Novembru 2022 fil-Kawża T-655/19, Ferriera Valsabbia u Valsabbia Investimenti vs Il-Kummissjoni;
- permezz ta' deċiżjoni finali, skont l-Artikolu 61 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja, tannulla, għal dak li jirrigwarda lill-appellant, id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2019) 4969 final tal-4 ta' Lulju 2019 dwar proċediment skont l-Artikolu 65 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar (Kawża AT.37956 – Vireg għar-rifurzar);